MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 237/2009

**A B C**
**vs**
**D E, bint F u G nee' H,**
**imwielda fl-14 ta' Awissu 1984**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu, cittadin ta' l-Uzbekistan, ilu jghix Malta sa mis-sena 2000, u kellu permess tax-xoghol f' Malta; li fit-2 ta' Frar 2004 hu zzewweg lill-konvenuta, cittadina Maltija; li huma qatt ma ghexu flimkien wara z-zwieg; li z-zwieg fil-fatt ma giex ikkunsmat; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejniethhom;

Rat li l-konvenuta, ghalkemm notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-2 ta' Frar 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat kif fuq indikat.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta li l-attur, cittadin mill-Uzbekistan, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Maltija, fit-2 ta' Frar 2004, wara li kienu ilhom jafu u jiffrekwentaw lil xulxin circa erba' xhur. Dak iz-zmien l-attur kellu 28 sena u l-konvenuta kellha 20 sena. Wara z-zwieg huma ma ghexux flimkien, izda baghu jiltaqghu flimkien u jiddevertu kif kienu jaghmlu qabel iz-zwieg. Wara ftit xhur il-partijiet iddecidew li jitterminaw ir-relazzjoni ta' bejniethom, minhabba l-argumenti kontinwi li kien ikollhom.

L-attur jghid li qabel iz-zwieg ma kienx hemm preparazzjoni serja, ghax id-decizjoni li jizzewgu ttiehdet spontanejament, u wkoll, peress li huma riedu li wara z-zwieg jibqghu jiddevertu, huma kienu ddecidew li ma jkollhomx tfal. Di fatti tterminaw ir-relazzjoni taghhom, qabel ma bdew jikkoabitaw flimkien.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta manifest ghal din il-Qorti li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja matrimonjali. Kemm il-mod kif ittiehdet minnhom it-tnejn, fi zmien qasir, id-decizjoni li jizzewgu, kif ukoll il-forma mentis li biha dahhlu ghal dan

il-kuntratt daqshekk serju, diretta, mhux biex jidhlu f' unjoni esklussiva u permanenti, bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, izda motivata biex ikomplu l-hajja ta' divertiment kif kienu qed jghixu qabel iz-zwieg; dan il-fatturi huma evidenza cara li l-partijiet ma fehemux dak li kienu dahhlu ghalih, bir-rizultat li, fi ftit xhur wara z-zwieg, huma tterminaw ir-relazzjoni taghhom.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg, in bazi ghall-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet numri [1] u [3], u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Frar 2004;  tichad it-tieni talba.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------